# ATT TAL-FONDAZZJONI
# GĦALL-ISKEJJEL T'GĦADA

Illum, l-10 ta' Mejju, 2001

Quddiemi, Dottor Franco Pellegrini, Nutar Prinċipali tal-Gvern, dehru personalment kif identifikaw ruħhom bid-dokumenti uffiċċjali hawn taħt imsemmija:

L-Onorevoli Dottor Edward Fenech Adami, Prim Ministru ta' Malta, bin il-mejtin Luigi Fenech Adami u Josephine neè Pace, imwieled u joqgħod Birkirkara, li għandu l-karta ta' l-identità li ġġib in-numru 174834(M), li qed jidher fuq dana l-att fil-kwalità tiegħu msemmija f'isem u fl-interess tal-**Gvern ta' Malta**; u

L-Onorevoli Dottor Louis Galea, bin il-mejjet Joseph Galea u Giovanna nee` Farrugia, imwieled l-Imqabba u joqgħod is-Siġġiewi, li għandu l-karta ta' l-identità li ġġib in-numru 129048(M), u li qed jidher fuq dana l-att fil-kwalità tiegħu ta' Ministru ta' l-Edukazzjoni; u

Charles Mizzi, bin il-mejjet Francis u Stella nee` Caruana, imwieled il-Ħamrun u joqgħod il-Fgura, li għandu l-karta ta' l-identita` li ġġib in-numru 649644(M), u li qed jidher fuq dana l-att fil-kwalita` tiegħu ta' Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

u dawn kollha ukoll f'isem u fl-interess tal-Gvern ta' Malta (hawn taħt imsejjaħ "**il-Gvern**") kif debitament awtorizzati bis-saħħa ta' ittra datata sebgħa ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed mill-Ministeru tal-Finanzi li kopja tagħha tinsab hawn annessa mmarkata bl-ittra "B"; karti relattivi għal dan l-att huma mmarkati Nutar tal-Gvern numru tlieta u għoxrin żbarra elfejn u wieħed (Not. 23/2001);

Peress illi l-Gvern ħass il-ħtieġa li f'Malta jkun hemm istituzzjoni li, b'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, tiżviluppa u tħaddem sistemi innovattivi għall-bini, immodernizzar u manutenzjoni ta' l-iskejjel u istituzzjonijiet edukattivi oħra, inklużi sistemi ta' finanzjament sostenibbli għal dan l-iskop; u

Peress illi l-Gvern jaqbel illi għal dan l-iskop għandha titwaqqaf entita` li jkollha l-missjoni, l-iskopijiet, il-funzjonijiet u s-setgħat kif

elenkati fl-iStatut tal-Fondazzjoni li ser titwaqqaf b'dan l-att, (liema Statut hu anness ma' dana l-att u mmarkat Dokument "A"); u

Peress illi l-Gvern iddeċieda li għalhekk f'dan il-mument din l-entita` għandha titwaqqaf f'forma ta' Fondazzjoni kif maħsub b'dana l-att;

Għalhekk, il-partijiet kontraenti fil-kapaċitajiet tagħhom fuq imsemmija f'isem u fl-interess tal-Gvern ġew għal dana l-att ta' twaqqif ta' Fondazzjoni Pubblika fejn huma ser iwaqqfu korp bl-isem ta' "Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada", u jagħmlu d-dotazzjoni ta' l-istess sabiex dana l-korp ikun jista' jibda b'ħidmietu.

Għaldaqstant, bis-saħħa ta' dana l-att, fl-ewwel lok il-partijiet kontraenti kollha, nomine, qegħdin iwaqqfu Fondazzjoni bl-isem ta' "**Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada**" (hawn aktar 'l quddiem imsejjħa "il-Fondazzjoni") li għandu jkollha u tiġi ggvernata bl-iStatut hawn anness ma' dana l-att u mmarkat Dokument "A".

Il-partijiet qegħdin jistabbilixxu bħala d-dota inizjali tal-Fondazzjoni s-somma ta' mitt elf lira maltija (Lm100,00) li ser tiġi donata mill-Gvern ta' Malta u liema somma għandha tingħata lill-Fondazzjoni fi żmien xahar mil-lum.

L-ewwel membri tal-Bord tal-Fondazzjoni huma dawk imsemmija fl-ewwel skeda ta' l-Istatut tal-Fondazzjoni anness ma' dana l-att, liema membri jitqiesu li ġew maħtura fid-data ta' dana l-att.

Il-Fondazzjoni għandu jkollha personalità ġuridika kif provdut fir-regolament tnejn (2) ta' l-iStatut tagħha u r-rappreżentanza legali u ġuridika tagħha għandha tkun kif provdut fil-paragrafu tnejn (2) tar-regolament tnejn (2) ta' l-istess Statut.

Il-Fondazzjoni għandu jkollha l-missjoni, l-iskopijiet, is-setgħat u l-funzjonijiet kif maħsub fir-regolamenti tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5) ta' l-istess Statut.

L-iStatut tal-Fondazzjoni jista` jiġi emendat mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Fondazzjoni u bil-kunsens tal-Prim Ministru.

Il-Bord tal-Fondazzjoni għandu jipprovdi lill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni kull tagħrif u dokumentazzjoni mitlub minnu in konnessjoni mal-ħidma u mat-tmexxija tal-Fondazzjoni.

F'każ ta' xoljiment il-proprjetà tal-Fondazzjoni għandha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, salv dak li hemm provdut fil-paragrafu numru ħdax (11) ta' l-iStatut tal-Fondazzjoni.

Minkejja kull ħaġa oħra stabbilita fl-iStatut tal-Fondazzjoni l-ewwel Chairperson tal-Bord tal-Fondazzjoni waħdu jista' jirrappreżenta lill-Fondazzjoni biex f'isimha jaċċetta d-donazzjoni li ser issir lilha mill-Gvern.

Qiegħed jidher issa fuq dana l-att Mario Callus, Managing Director, bin Francis Callus u Maria neè Camilleri, imwieled is-Siġġiewi u joqgħod in-Naxxar, li għandu l-karta ta' l-identità li ġġib in- numru 585858 (M) , li qed jidher fil-kariga tiegħu ta' l-ewwel Chairperson tal-Bord tal-Fondazzjoni imwaqqfa fl-ewwel parti ta' dana l-att f'isem u in rappreżentanza tal-Fondazzjoni, debitament awtorizzat bis-saħħa ta' dan l-istess att.

Fit-tieni lok, bis-saħħa ta' dana l-att, il-Gvern, kif hawn rappreżentat, qiegħed jagħmel għaf-favur tal-Fondazzjoni, li f'isimha l-komparenti Mario Callus qiegħed jaċċetta, donazzjoni ta' mitt elf lira maltija (Lm100,000) biex isservi bħala d-dota inizjali tal-Fondazzjoni mwaqqfa b'dana l-att; dina s-somma għandha titħallas lill-Fondazzjoni fi żmien xahar mil-lum

Dan l-att ġie minni magħmul, moqri u ppublikat wara li jiena Nutar sottoskritt iċċerzjorajt il-partijiet dwar il-kontenut tiegħu, skond il-liġi, f'Malta, fil-Belt Valletta, fis-Sala ta' l-Ambaxxaturi, fl-Auberge de Castille.

(Fft): Eddie Fenech Adami
Louis Galea
Charles Mizzi

Mario Callus

Franco Pellegrini
Nutar Prinċipali tal-Gvern